IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.3.2015
C(2015) 1455 final

# DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**ta’ 3.3.2015**

**dwar l-approvazzjoni tal-programm operazzjonali "Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd 2014 – 2020: Programm Operazzjonali għal Malta" għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd f’Malta**

**CCI 2014MT14MFOP001**

(IT-TEST BIL-MALTI BISS HUWA AWTENTIKU)

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

**ta' 3.3.2015**

**dwar l-approvazzjoni tal-programm operazzjonali "Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd 2014 – 2020: Programm Operazzjonali għal Malta" għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd f'Malta**

**CCI 2014MT14MFOP001**

(IT-TEST BIL-MALTI BISS HUWA AWTENTIKU)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 19(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fid-19 ta' Settembru 2014, Malta bagħtet lill-Kummissjoni programm operazzjonali bl-isem "FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJIET MARITTIMI U S-SAJD 2014 – 2020: PROGRAMM OPERAZZJONALI GĦAL MALTA" għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) permezz tas-sistema elettronika tal-iskambju tad-dejta (l-SFC2014).

(2) Il-programm operazzjonali huwa konformi mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Ġunju 2014 li tistabbilixxi t-tqassim annwali mill-Istati Membri tar-riżorsi globali tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd disponibbli fil-qafas ta' ġestjoni konġunta għall-perjodu 2014-2020[2]. Barra minn hekk, il-programm operazzjonali huwa konformi mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014. Minħabba l-possibbiltà limitata ta' użu interkambjabbli tal-appoġġ stabbilit fl-Artikolu 13(8), huwa xieraq li jiġi stabbilit il-livell ta' appoġġ wara t-tqassim fl-Artikolu 13(1)-(7) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014.

(3) L-Istat Membru huwa intitolat li jiffinanzja l-assistenza teknika sa 6 % tal-allokazzjoni totali għall-programm operazzjonali. Għall-fini tat-trasparenza, l-ammont iddedikat għall-assistenza teknika għandu jiġi definit f'manjiera trasparenti fi ħdan it-tqassim kif stipulat fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014.

[1] ĠU L 149, 20.5.2014, p. 1.
[2] ĠU L 180, 20.6.2014, p. 18.

(4) Il-programm operazzjonali ġie mfassal minn Malta bl-involviment tas-sħab skont l-Artikoli 5(1) u 26(2) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[3], u b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni.

(5) Il-programm operazzjonali ġie mħejji skont il-mudell stabbilit fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 771/2014[4].

(6) Fid-9 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni vvalutat il-programm operazzjonali skont l-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u għamlet kummenti skont il-paragrafu 3 ta' dak l-Artikolu. Malta pprovdiet l-informazzjoni kollha meħtieġa lill-Kummissjoni fis-17 ta' Diċembru 2014, u ssottomettiet il-programm operazzjonali rivedut fis-27 ta' Jannar 2015 u fis-17 ta' Frar 2015.

(7) Il-Kummissjoni eżaminat il-programm operazzjonali b'konformità mal-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, u kkonkludiet li ma ġiet identifikata l-ebda kapaċità żejda fuq il-bażi tar-rapport li ġie ppreżentat skont l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(8) Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-programm operazzjonali jikkontribwixxi lejn l-istrateġija tal-Unjoni għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inkluživ, u lejn il-kisba kemm tal-għanijiet tematiċi magħżula kif ukoll tal-prijoritajiet tal-Unjoni. Il-programm huwa konsistenti mar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, mar-Regolament (UE) Nru 508/2014 u mal-kontenut tal-Ftehim ta' Sħubija rivedut ma' Malta, li ġie approvat bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 7800 tad-29 ta' Ottubru 2014 li tapprova l-Ftehim ta' Sħubija ma' Malta skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

(9) Il-programm operazzjonali fih l-elementi kollha msemmija fl-Artikolu 27(1) sa (6) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u fl-Artikoli 18(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 508/2014.

(10) Skont l-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, u l-Artikolu 9 u l-Anness IV tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza u l-adegwatezza tal-informazzjoni pprovduta minn Malta dwar l-applikabbiltà tal-kundizzjonalitajiet *ex ante* u dwar l-osservanza tal-kundizzjonalitajiet *ex ante* applikabbli marbutin mal-programm operazzjonali. Billi waħda mill-kundizzjonalitajiet *ex ante* applikabbli mhix issodisfata fid-data tat-tressiq tal-programm operazzjonali, il-Kummissjoni vvalutat il-konsistenza u l-adegwatezza tal-informazzjoni pprovduta fis-17 ta' Frar 2015 dwar l-azzjonijiet li għandhom jittieħdu u

3 Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006, (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.)

4 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 771/2014 tal-14 ta' Lulju 2014 li jistipula regoli skont ir-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd fir-rigward tal-mudell għall-programmi operattivi, fir-rigward tal-istruttura tal-pjanijiet ta' kumpens tal-kostijiet addizzjonali mġarrba mill-operaturi fis-sajd, fit-trobbija, fl-ipproċessar u fil-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura mir-reġjuni l-aktar imbiegħda, fir-rigward tal-mudell għat-trażmissjoni ta' dejta finanzjarja, fir-rigward tal-kontenut tar-rapporti ta' evalwazzjoni ex-ante u r-rekwiżiti minimi għall-pjan ta' evalwazzjoni li għandu jitressaq fil-qafas tal-FEMS (ĠU L 209, 16.7.2014, p. 20.)

l-iskeda ta’ żmien għall-implimentazzjoni tagħhom, kif ukoll l-entitajiet responsabbli biex jissodisfaw il-kundizzjonalitajiet *ex ante* applikabbli.

(11) Skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u l-Artikolu 94 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, huwa xieraq li jiġu identifikati l-ammonti marbuta mar-riżerva tal-prestazzjoni u li tiġi ffissata l-kontribuzzjoni massima tal-FEMS kif ukoll ir-rata ta’ kofinanzjament mill-FEMS għall-programm operazzjonali u kull prijorità tal-Unjoni.

(12) Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 76 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 84 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5]. Għaldaqstant, għandhom jiġu speċifikati l-elementi li jippermettu l-impenji baġitarji u l-impenn legali tal-Unjoni fir-rigward ta’ dan il-programm operazzjonali.

(13) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjoni tal-Kummissjoni rigward il-konformità ta’ kwalunkwe operazzjoni appoġġata skont il-programm operazzjonali lil hinn mill-ambitu tal-Artikolu 42 tat-TFUE mar-regoli sostantivi u proċedurali dwar l-għajnuna mill-Istat applikabbli fiż-żmien meta jingħata l-appoġġ.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-programm operazzjonali "FOND EWROPEW GĦALL-AFFARIJIET MARITTIMI U S-SAJD 2014 – 2020: PROGRAMM OPERAZZJONALI GĦAL MALTA" għall-appoġġ mill-FEMS f'Malta għall-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2014 sal-31 ta’ Diċembru 2020, imressaq fil-verżjoni finali tiegħu fis-27 ta’ Jannar 2015 u fis-17 ta’ Frar 2015, huwa b’dan approvat.

*Artikolu 2*

In-nefqa effettivament imħallsa skont il-programm operazzjonali għandha tkun eliġibbli mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2023.

*Artikolu 3*

(1) Il-kontribuzzjoni massima mill-FEMS awtorizzata b'din id-Deċiżjoni għall-perjodu mill-2014 sal-2020 għall-programm operazzjonali hija ffissata għal EUR 22 627 422 skont it-tqassim li ġej:

(a) Għandhom jiġu allokati EUR 11 215 545 għall-iżvilupp sostenibbli tas-sajd, għall-akkwakultura, għaż-żoni tas-sajd u tal-akkwakultura, għal miżuri relatati mal-kummerċjalizzazzjoni u l-ipproċessar, kif stabbilit fil-Kapitoli I, II, III u IV tat-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru 508/2014, bl-eċċezzjoni tal-miżuri stipulati fl-Artikolu 67.

(b) Għandhom jiġu allokati EUR 5 150 123 għall-miżuri ta’ kontroll u infurzar imsemmija fl-Artikolu 76 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014.

[5] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

(c) Għandhom jiġu allokati EUR 3 541 528 għall-miżuri dwar il-ġbir ta' dejta msemmija fl-Artikolu 77 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014.

(d) Għandhom jiġu allokati EUR 219 771 għall-għajnuna għall-ħżin imsemmija fl-Artikolu 67 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014.

(e) Għandhom jiġu allokati EUR 1 200 000 għall-miżuri tal-Politika Marittima Integrata msemmija fil-Kapitolu VIII tat-Titolu V tar-Regolament (UE) Nru 508/2014.

(f) Għandhom jiġu allokati EUR 1 300 455 għall-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Istat Membru skont l-Artikolu 78 tar-Regolament (UE) Nru 508/2014.

(2) It-tqassim annwali tal-kontribuzzjoni massima tal-FEMS, kif imsemmi fil-paragrafu 1, u r-rati ta' kofinanzjament skont il-prijoritajiet tal-Unjoni kif ukoll l-identifikazzjoni ta' ammonti relatati mar-riżerva għall-prestazzjoni msemmija fl-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 huma stipulati fl-Annessi 1 u 2 ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Malta.

Magħmula fi Brussell, 3.3.2015

*Għall-Kummissjoni*
*Karmenu VELLA*
*Membru tal-Kummissjoni*

VERA KOPJA TAL-ORIĠINAL
Għas-Segretarju Ġenerali

Jordi AYET PUIGARNAU
Direttur tar-Reġistru
KUMMISSJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.3.2015
C(2015) 1455 final

ANNEXES 1 to 2

# ANNESSI

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**dwar l-approvazzjoni tal-programm operazzjonali "Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd 2014 – 2020: Programm Operazzjonali għal Malta" għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd f'Malta.**

**ANNESSI**

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**

**dwar l-approvazzjoni tal-programm operazzjonali "Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd 2014 – 2020: Programm Operazzjonali għal Malta" għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd f'Malta.**

**CCI 2014MT14MFOP001**

**(IT-TEST BIL-MALTI BISS HUWA AWTENTIKU)**

**ANNESS I**

**Kontribuzzjoni totali tal-FEMS ippjanata għal kull sena**

| Sena | Allokazzjoni prinċipali tal-FEMS | Riżerva tal-prestazzjoni tal-FEMS |
|---|---|---|
| 2014 | 2 915 448.00 | 186 092.00 |
| 2015 | 2 952 692.00 | 188 470.00 |
| 2016 | 2 979 683.00 | 190 193.00 |
| 2017 | 3 027 978.00 | 193 275.00 |
| 2018 | 3 098 436.00 | 197 772.00 |
| 2019 | 3 119 621.00 | 199 125.00 |
| 2020 | 3 175 919.00 | 202 718.00 |
| **Total** | 21 269 777 | 1 357 645 |

# ANNESS II

## Kontribuzzjoni tal-FEMS u r-rata ta' kofinanzjament

| Prijoritajiet tal-Unjoni | Miżura/i taħt il-Prijorità tal-Unjoni | Appoġġ Totali | | | Allokazzjoni prinċipali (finanzjament totali tnaqqas minnu r-riżerva tal-prestazzjoni) | | Riżerva tal-prestazzjoni | | Ammont ta' riżerva tal-prestazzjoni bħala proporzjon tal-appoġġ totali mill-Unjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Il-kontribuzzjoni tal-FEMS (inkluża r-riżerva tal-prestazzjoni) | Il-kontroparti nazzjonali (inkluża r-riżerva tal-prestazzjoni) | Rata ta' kofinanzjament tal-FEMS | Appoġġ mill-FEMS | Kontroparti nazzjonali | Riżerva tal-prestazzjoni tal-FEMS | Kontroparti nazzjonali | |
| | | a | b | c=a/(a+b)*100 | d=a-f | e=b-g | f | g=b*(f/a) | h=f/a*100 |
| 1. Il-promozzjoni ta' sajd ambjentalment sostenibbli, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, innovattiv, kompetittiv u bbażat fuq l-għarfien | L-Artikolu 33, u l-Artikolu 41(2) (l-Artikolu 13(2) tal-FEMS) | 350 000.00 | 350 000.00 | 50.00% | 350 000.00 | 350 000.00 | 0.00 | 0.00 | 5.66 % |
| | Allokazzjoni finanzjarja għall-bqija tal-prijorità 1 tal-Unjoni<br>(L-Artikolu 13(2) tal-FEMS) | 8 197 929.00 | 2 732 643.00 | 75.00 % | 7 713 928.00 | 2 571 310.00 | 484 000.00 | 161 333.00 | |
| 2. It-trawwim ta' akkwakultura ambjentalment sostenibbli, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, innovattiva, kompetittiva u bbażata fuq l-għarfien (l-Artikolu 13(2) tal-FEMS) | | 2 480 116.00 | 826 706.00 | 75.00 % | 2 311 235.00 | 770 412.00 | 168 881.00 | 56 294.00 | 6.81 % |
| 3. It-trawwim tal- | It-titjib u l-forniment tal-għarfien xjentifiku u l-ġbir u | 3 541 528.00 | 885 382.00 | 80.00 % | 3 294 528.00 | 823 632.00 | 247 000.00 | 61 750.00 | 6.98 % |

| | | Appoġġ Totali | | | Allokazzjoni prinċipali (finanzjament totali tnaqqas minnu r-riżerva tal-prestazzjoni) | | Riżerva tal-prestazzjoni | | Ammont ta' riżerva tal-prestazzjoni bħala proporzjon tal-appoġġ totali mill-Unjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Prijoritajiet tal-Unjoni** | **Miżura/i taħt il-Prijorità tal-Unjoni** | **Il-kontribuzzjoni tal-FEMS (inkluża r-riżerva tal-prestazzjoni)** | **Il-kontroparti nazzjonali (inkluża r-riżerva tal-prestazzjoni )** | **Rata ta' kofinanzjament tal-FEMS** | **Appoġġ mill-FEMS** | **Kontroparti nazzjonali** | **Riżerva tal-prestazzjoni tal-FEMS** | **Kontroparti nazzjonali** | |
| | | **a** | **b** | **c=a/(a+b )*100** | **d=a-f** | **e=b-g** | **f** | **g=b*(f/a)** | **h=f/a*100** |
| implimentazzjoni tal-PKS | l-ġestjoni tad-dejta (l-Artikolu 13(4) tal-FEMS) | | | | | | | | |
| | L-appoġġ għall-monitoraġġ, il-kontroll u l-infurzar, it-titjib tal-kapaċità istituzzjonali u amministrazzjoni pubblika effiċjenti mingħajr ma jiżdied il-piż amministrattiv (l-Artikolu 76(2)(a) sa (d) u (f) sa (i) (l-Artikolu 13(3) tal-FEMS) | 5 122 892.00 | 569 211.00 | 90.00 % | 4 764 892.00 | 529 432.00 | 358 000.00 | 39 778.00 | |
| | L-appoġġ għall-monitoraġġ, il-kontroll u l-infurzar, it-titjib tal-kapaċità istituzzjonali u amministrazzjoni pubblika effiċjenti mingħajr ma jiżdied il-piż amministrattiv (l-Artikolu 76(2)(e)) (l-Artikolu 13(3) tal-FEMS) | 27 231.00 | 11 671.00 | 70.00 % | 25 831.00 | 11 070.00 | 1 400.00 | 600.00 | |

| | | Appoġġ Totali | | | Allokazzjoni prinċipali (finanzjament totali tnaqqas minnu r-riżerva tal-prestazzjoni) | | Riżerva tal-prestazzjoni | | Ammont ta' riżerva tal-prestazzjoni bħala proporzjon tal-appoġġ totali mill-Unjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Prijoritajiet tal-Unjoni** | **Miżura/i taħt il-Prijorità tal-Unjoni** | **Il-kontribuzzjoni tal-FEMS (inkluża r-riżerva tal-prestazzjoni)** | **Il-kontroparti nazzjonali (inkluża r-riżerva tal-prestazzjoni)** | **Rata ta' kofinanzjament tal-FEMS** | **Appoġġ mill-FEMS** | **Kontroparti nazzjonali** | **Riżerva tal-prestazzjoni tal-FEMS** | **Kontroparti nazzjonali** | |
| | | **a** | **b** | **c=a/(a+b)*100** | **d=a-f** | **e=b-g** | **f** | **g=b*(f/a)** | **h=f/a*100** |
| 5. Trawwim tal-kummerċjalizzazzjoni u l-ipproċessar | Għajnuna għall-ħżin (l-Artikolu 67) (l-Artikolu 13(6) tal-FEMS) | 219 771.00 | 0.00 | 100.00 % | 219 771.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 | 5.00 % |
| | Kumpens għar-reġjuni ultraperiferiċi (l-Artikolu 70) (l-Artikolu 13(5) tal-FEMS) | 0.00 | 0.00 | 100.00 % | 0.00 | 0.00 | 0.00 | | |
| | Allokazzjoni finanzjarja għall-bqija tal-prijorità 5 tal-Unjoni (l-Artikolu 13(2) tal-FEMS) | 187 500.00 | 62 500.00 | 75.00 % | 167 136.00 | 55 712.00 | 20 364.00 | 6 788.00 | |
| 6. Trawwim tal-implimentazzjoni tal-Politika Marittima Integrata (l-Artikolu 13(7) tal-FEMS) | | 1 200 000.00 | 400 000.00 | 75.00 % | 1 122 000.00 | 374 000.00 | 78 000.00 | 26 000.00 | 6.50 % |
| Assistenza Teknika (l-Artikolu 13(2) tal-FEMS) | | 1 300 455.00 | 433 486.00 | 75.00 % | 1 300 456.00 | 433 486.00 | 0.00 | 0.00 | 0.00 % |
| Total | | 22 627 422 | 6 271 597 | 78.30 % | 21 269 777 | 5 919 054 | 1 357 645 | 352 543 | 6.00 % |